**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Antonella Grech Micallef

vs

J2F Promotions/ Villa Katarina

CCT 166/21/MS

29 ta' Marzu 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba tar-rikorrenti pprezentat fl-1 ta' Ottubru 2021 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata thallasha is-somma ta' elf seba' mija u sebghin euro (€1,770.00), rapprezentanti rifuzjoni ta' depozitu imhallas lill-istess socjeta' intimata, wara li t-t-tieg taghha ma setax isir minhabba restrizzjonijiet in konnessjoni mill-pandemija tal-Covid-19, kif ahjar spjegat fl-avviz.

Ra r-risposta tas-socjeta intimata fejn eccepiet illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li t-talba ghandha tigi rifjutata ghas-segwenti regunijiet:

Li r-rikorrenti dahlu f'kuntratt ta' kiri tal-propjeta' sabiex huma jkunu jistghu jaghmlu avveniment u ghal kull effett legali l-organizzaturi tat-tieg huma r-rikorrenti;
Illi l-kuntratt tal-kera huwa car, fejn l-intimati qeghdin joffru s-servizzi tal-propjeta' Villa Katerina sabiex tkun ta' uzu ghall-klijent illi jrid jaghmel uzu minnha fil-gurnata u hinijiet indikati, skond dak illi jixtieq il-klijent;
Illi l-kuntratt tal-kiri tal-lokazzjoni huwa car u hemm indikat illi 'Cancellations brought forward by the client for any reason whatsoever, after the signing of the contract shall result in forfeiting the deposit, as the deposit is non refundable." Ghaldaqstant il-fatt illi r-rikorrenti qed unilateralment jiddeciedu illi ma jaghmlux dan l-avveniment jwassal ghal cancellation clause illi hija cara u ma thalli ghal ebda tip ta' interpretazzjoni;
Illi l-intimati tawhom set ta' granet ohra fejn huma setghu xorta wahda jaghmlu l-avveniment taghhom u jaghmlu uzu mill-propjeta' , izda irrifjutaw u ddecidew illi jirtiraw mill-kuntratt ta' kiri unilateralment.

Illi ghalkemm huma ddecidew illi ma jkomplux bil-festin, qed jippretendu li jigu rimborzati meta kienu huma li tterminaw il-kuntratt u ma ghazlux gurnata ohra;
Illi l-Gvern refa' r-responsabbilita tieghu u offra refund lil kull min ma riedx jew ma setax jaghmel l-avveniment din is-sena. Illi r-regoli sabiex jittiehdu refunda huma semplici u cari u dan ir-refund ma harigx b'kapricc mill-gvern izda sabiex jerfa' r-responsabbilita talli impeda lil diversi organizzaturi milli jorganizzaw it-tieg taghhom minhabba l-pandemija.

Ra l-atti kollha tal-process

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fl-24 ta' Settembru 2018, Jean Paul Micallef u Antonella Grech dahlu f'kuntratt mas-socjeta' intimata ghal kiri ta' lokazzjoni ghat-tieg taghhom li kellu jsir fl-1 ta' Mejju 202, ghal mitejn u hamsin ruh, ghall-prezz ta' tlett elef Euro (ex VAT). Illi dakinhar tal-kuntratt huma hallsu l-isocjeta' intimata depozitu ta' elf seba mija u sebghin euro (ara ircevuta tal-VAT esebit). Illi minhabba l-pandemia tal-Covid-19, f'April 2021 l-Gvern ta' Malta inforza restrizzjonijiet sabiex is-swali tat-tigijiet ma jinfethux ghall-operat. Ir-rikorrenti tghid li fil-gimgha tal-11 ta' Marzu hi ghamlet kuntatt ma' min kien qed jiehu hsieb u giet infurmata illi sa' Settembru kienu fully booked u li wara Settembru 2021, is-sala ma kenitx ha tibqa' topera ghat-tigijiet. Ir-rikorrenti qalet ukoll illi kienet applikat ghal *grant* minghand il-gvern u hadet rifuzjoni ta' €530.00, u esebit estratt tal-kont bankarju li juri dan l-ammont. Esebiet ukoll id-depozitu li hallset ghall-ikel tat-tieg lil Elia Caterers fl-ammont ta' €1,000 u depozitu iehor ta' €1,300 ghal *marquee* u *wedding decor*. Qalet ukoll Illi fl-20 ta' April 2021 huma rcevew email minghand Phyliss Micallef min-naha tas-socjeta' intimata, fejn gew infurmati illi kienu qed joffru lill-klijenti data ohra biex imexxu t-tieg taghhom izda sadanittant kien tard wisq u kienu ddecidew illi ma jkomplux bit-tieg.

Illi min-naha l-ohra, Phyliss Micallef ghan-nom tas-socjeta' intimata, filwaqt li kkonfermat illi s-socjeta' kienet dahlet f'kuntratt ta' kiri tal-propjeta' taghhom mar-rikorrenti, qalet illi d-depozitu tittiehed kemm biex tintrabat id-data tal-avveniment kif ukoll ghall-manteniment tal-gnien ghal dik il-gurnata. Ikkonfermat illi ghalkemm it-tieg ma setax isir fl-1 ta' Mejju, kienu qed jisimghu li ha jergghu jifthu u allura l-manteniment kellu jibqa' ghaddej. Qalet illi r-rikorrenti ghamlet kuntatt maghha f'April 2021 u riedet tipposponi t-tieg li originarjament kellu jsir fl-1 ta' Mejju. Esebiet email li irceviet minghand ir-rikorrenti fil-15 ta' April fejn ir-rikorrenti talbitha ir-rifuzjoni tad-depozitu. Qalet ukoll illi offriet ir-rikorrenti gurnata ohra u kellha taghzel gurnata, pero' nnegat li kienet qaltilha li s-sala kienet *full booked.*

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qieghda titlob il-hlas tas-somma ta' €1,770, depozitu li hija hallset ghal sala tat-tieg bl-isem ta' Villa Katarina li kellu jsir fl-1 ta' Meja 2021 skond kuntratt datat 24 ta' Settembru 2018, liema tieg ma setax sir dakinhar minhabba restrizzjonijiet in konnessjoni mal-pandemija. Ir-rikorrenti argumentat illi mhuwiex gust illi huma jitilfu l-ammont tad-depozitu jekk lanqas hadu parti mis-servizz u gialdarba it-tieg ma sehhx; qalet ukoll illi ghalkemm kien hemm talba fil-bidu ghal posponiment, dan ma kienx possibbli ghaliex skond ma giet infurmatha, is-sala kienet *fully booked.*

Illi min-naha l-ohra, is-socjeta' argumentat illi d-depozitu thallset ghall-uzu tas-sala li kienet disponnibbli u setghet tintuza mir-rikorrenti xorta wahda. Il-fatt illi t-tieg ma setghetx isir fl-1 ta' Meja ma kienx it-tort tas-socjeta' intimata li kienet disposta wkoll tipposponi t-tieg ghal gurnata ohra. Saret referenza wkoll ghal cancellation clause imnizzel fil-kuntratt.

Ikkunsidra

Illi bhala fatt, il-kuntratt datat 24 Settembru 2018 kien intiz ghal tieg li kellu jsir fl-1 ta' Mejju 2021 ghal prezz ta' €3,000. Bhala fatt ukoll dakinhar, it-tieg ma setax issir, u dan minhabba li l-Gvern kien hareg avviz u tigijiet ma setghux isiru minhabba restrizzjonijiet in konnessjoni mal-pandemija. Kien zmien incert hafna, kif tajjeb qalet Phyliss Micallef, u hadd ma kien jaf ezattament x'kien ser jigri.

Mill-provi li hargu u mill-emails li gew esebiti, it-Tribunal huwa sodisfatt illi meta r-rikorrenti ghamlet kuntatt mas-socjeta' intimata l-ewwel darba, ghalkemm hi wriet ix-xewqa li tipposponi t-tieg taghha, giet infurmata illi s-sala kienet *fully booked* sal-ahhar ta' Lulju, u li wara din id-data ma kenitx ha tibqa' topera ghal tigijiet. Pero', jidher illi kien hemm kambjament ta' hsieb u fl-20 ta' April, wara risoluzzjoni tal-Bord, is-socjeta' intimata offrietilhom il-possibilita' li jaghmlu it-tieg taghhom bejn il-11 ta' Lulju u 14 ta' Awwissu 2021, ma' klijenti ohra li kienu ser jizzewwgu f'April u fil-bidu ta' Mejju. Ir-rikorrenti tghid li meta hi kellmet lil Micallef l-ewwel darba (u allura qabel ma ntbghat l-email tal-20 ta' April), u qaltilha li kienu fully booked sal-ahhar ta' Lulju, hi ddecidiet illi tikancella t-tieg. Fil-fatt hija baghtet email lil Micallef fl-15 ta' April 2021 fejn infurmatha li gialdarba it-tieg gie kancellat minhabba r-restrizzjonijiet, hi xtaqet id-depozitu lura.

Ikkunsidra

Illi apparti l-fatt illi s-socjeta' intimata ma gabet l-ebda prova konkreta tal-granet li kienu disponibbli lir-rikorrenti (wara kollox huma kellhom jakkomdaw il-klijenti l-ohra li kienu

bbukjati f'April u fil-bidu ta' Mejju), it-Tribunal huwa tal-opinjoni li hadd m'ghandu jigi kostrett jipposponi t-tieg ghal data ohra. Gialdarba t-tieg ma setax isir skond dak miftiehem fil-kuntratt, u ghar-ragunijiet li kienu barra mill-kontroll kemm tar-rikorrenti kif ukoll tas-socjeta' intimata, fic-cirkonstanzi, r-rikorrenti kellha kull dritt illi titlob id-depozitu taghha lura. U jidher li dan ix-xenarju huwa previst ukoll fil-klawzola 11 tal-kuntratt : *Cancellation of agreement by force majeure,* fejn hemm stipulat li *"În the event that the contract needs to be terminated in the circumstances beyond the company's control such as government interference, strike, accidents, act of God, local disasters, wars or otherwise, the company responsibilities will not be greater by the first deposit of the venue."*

Illi kaz ta' pandemija jinkwadra perfettament f'din il-klawzola u skond l-istess, ir-responsabbilita tal-kumpanija tkun limitata biss ghas-somma tad-depozitu u mhux iktar.

Ikkunsidra

Illi fix-xhieda taghha quddiem dan it-Tribunal, ir-rikorrenti tghid illi hija kienet ghamlet tlett depoziti ghat-tieg taghha fl-ammont totali ta' €4,070, u li hadet lura €530.00 minghand il-Gvern. Fil-fatt, apparti d-depozitu mertu tal-kaz, ir-rikorrenti esebiet ukoll kopja tad-depozitu li hija hallset lil Elia Caterers fis-27 ta' Settembru 2018, kif ukoll depozitu ta' €1,300 li hija allegatament hallset lil H&S Creations, pero' ir-rikorrenti ma qalitx jekk hi effettivament irceviet dawn id-depoziti lura.

Illi fis-sottomissjonijiet li saru mill-abbli difensur tar-rikorrenti, saret referenza ghas-sentenza Antonella Grech Micallef vs Elia Caterers (CCT 165/21/MS), deciz minn dan it-Tribunal kif presedut, minn fejn jirrizulta li r-rikorrenti kienet fil-fatt hadet lura id-depozitu shih ta' elf euro li hi kienet hallset lil Elia Caterers fis-27 ta' Settembru 2018. Fir-rigward l-allegat depozitu ta' €1,300, dan mhuwiex kopert bl-ebda ircevuta fiskali u jgib id-data tat-13 ta' Mejju 2021 u allura wara d-data tat-tieg. Kwindi, dan id-depozitu mhuwiex ser jigi kkunsidrat mit-Tribunal.

Illi r-rifuzjoni tal-Gvern kien principalment intiz biex itaffi t-tbatija ghal koppji li ma hadux id-depoziti lura, izda wkoll biex ighin ukoll kumpaniji u negozji li bla dubju hadu daqqa ikbar minhabba l-pandemija. Illi ghalkemm it-Tribunal jemmen illi r-rikorrenti ghandha d-dritt ghad-depozitu (jew parti minnu), dan ma jistax isir ghad-detriment tal-kumpanija u ghandha jsir gustizzja ukoll lejn is-socjeta' intimata. Tajjeb jew hazin, ir-rikorrenti inghatat rifuzjoni minghand il-Gvern bis-sahha tad-depozitu li hija hallset l-isocjeta' intimata u ghalhekk it-Tribunal jidhrilu li din ir-rifuzjoni ghandha tittiehed in konsiderazzjoni mit-Tribunal u ghandu jkun hemm tnaqqis fl-ammont ta' rifuzjoni.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jordna l-isocjeta' intimata thallasha s-somma ta' elf mitejn u erbghin euro. (€1,240) . Bl-ispjjes kontra l-istess socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D.

Arbitru